



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Mejju 2023  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0150(NLE)

---

---

9453/23  
ADD 1

UD 103  
COLAC 49

## PROPOSTA

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
|-------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
| data meta waslet: | 15 ta' Mejju 2023                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| Nru dok. Cion:    | COM(2023) 254 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| Suġġett:          | ANNESS tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali dwar il-modifiki tal-Appendiċi 2 u l-Appendiċi 2A tal-Anness II tal-Ftehim li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 254 final.

Mehmuż: COM(2023) 254 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.5.2023  
COM(2023) 254 final

ANNEX

ANNESS

tal-

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali dwar il-modifiki tal-Appendiċi 2 u l-Appendiċi 2A tal-Anness II tal-Ftehim li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra**

ANNEX  
**DEĊIŻJONI Nru 1/2023**

**TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-AMERIKA ĊENTRALI**

**li timmodifika l-Appendiċi 2 (Lista tax-xogħol jew tal-ipproċessar meħtieġ fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinarju) u l-Appendiċi 2A (Addendum għal-lista ta' ħidma jew ipproċessar li jeħtieġ li jsiru fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinarju) tal-Anness II (Dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' 'prodotti oriġinarji' u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva)**

**IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-AMERIKA ĊENTRALI,**

Wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tal-Anness II tiegħu u l-punt (iv) tal-paragrafu 2(a) tal-Artikolu 345 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 36 tal-Anness II u l-punt (iv) tal-paragrafu 2(a) tal-Artikolu 345 tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") jipprevedu li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jimmodifika l-Appendiċi 2 u l-Appendiċi 2A tal-Anness II tal-Ftehim.
- (2) L-Appendiċi 2 u l-Appendiċi 2A attwali tal-Anness II tal-Ftehim fihom regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott li jirriflettu s-Sistema Armonizzata ("SA") 2012 u 2017.
- (3) L-emendi ġew introdotti fl-1 ta' Jannar 2022 fin-Nomenklatura rregolata mill-Konvenzjoni dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija ("SA"). Il-Partijiet għall-Ftehim għalhekk qablu li jaġġornaw ir-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott biex jirriflettu s-SA 2022.
- (4) Minħabba n-numru kbir ta' prodotti li jiċċaqalqu għall-intestaturi SA 8524, 8529, 8549 u għas-subintestaturi SA 8541.51 sa 8541.59, ikun diffiċli li jiġu trasposti r-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott mingħajr ma jkun hemm regoli kumplessi. Għalhekk, il-Partijiet qablu li jenħtieġ li jkun hemm regola tal-oriġini aktar sempliċi u flessibbli għal dawn il-prodotti, li hija l-manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, b'regola alternattiva li fiha l-valur tal-materjali kollha mhux oriġinarji użati ma jaqbiż il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.
- (5) It-traspożizzjoni tar-regoli previsti fl-intestatura SA 9620 (Monopiedi, bipiedi, trepiedi u oġġetti simili) wara l-aġġornament tas-SA 2017 twassal għall-applikazzjoni tar-regola tal-oriġini speċifika għall-prodott għal dawn il-prodotti skont ir-regola tal-Kapitolu 96, li hija bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja, u t-tħassir tar-regola alternattiva li tippermetti li jintuża perċentwal ta' materjali mhux oriġinarji. Il-partijiet qablu li jintroduċu mill-ġdid ir-regola alternattiva li tippermetti l-użu ta' materjali mhux oriġinarji sakemm dawn ma jaqbiż il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.
- (6) Il-partijiet għall-Ftehim qablu li sabiex jirriflettu l-aġġustamenti tas-SA 2022, huwa meħtieġ li jiġu aġġustati l-kodiċijiet tariffarji tal-prodotti tal-Kapitoli 61 u 62 fi ħdan

il-kwoti annwali stabbiliti fin-Nota 4 tal-Appendiċi 2A dwar l-addendum għal-lista ta' ħidma u pproċessar li jeħtieġ li jitwettqu fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinarju.

- (7) Għalhekk jenħtieġ li l-Appendiċi 2 u n-Nota 4(1) (c) u (d) tal-Appendiċi 2A tal-Anness II tal-Ftehim jiġi modifikat. Dawk il-modifiki ma jikkostitwux bidliet sostantivi fir-regoli tal-orijini nnegozjati.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

L-Appendiċi 2 tal-Anness II tal-Ftehim li fih il-lista tax-xogħol jew l-ipproċessar li jrid isir fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott immanifatturat ikun jista' jikseb status oriġinarju b'dan qed jiġi sostitwit bl-Appendiċi 2 mogħti fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

In-Nota 4 tal-Appendiċi 2A tal-Anness II tal-Ftehim li fih l-Addendum tal-lista tax-xogħol jew l-ipproċessar li jrid isir fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodotti tal-kapitoli 61 u 62 fi ħdan il-kwoti annwali tal-pajjiż ikunu jistgħu jiksibu status oriġinarju b'dan qed jiġi sostitwit bin-Nota 4 stabbilita fl-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ 180 jum wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi ....,  
Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni,  
Għall-Parti tal-AĊ,  
Għall-Parti tal-UE,

## ANNESS 1

### APPENDIĊI 2

#### I LISTA TAX-XOGĦOL JEW TAL-IPPROĊESSAR MEĦTIEĠ FUQ MATERJALI MHUX ORIĠINARJI

#### SABIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT IKUN JISTA' JIKSEB L-ISTATUS TA' ORIĠINI

Jista' jkun li mhux il-prodotti kollha elenkati fil-lista huma koperti mill-ftehim. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu kkonsultati l-partijiet l-oħra ta' dan il-ftehim.

| Kodiċi SA 2022 | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                          | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtuhom status oriġinarju |     |
|----------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)            | (2)                                                                                                                                                               | (3)                                                                                                                             | (4) |
| Kapitolu 01    | Annimali ħajjin                                                                                                                                                   | L-annimali kollha tal-Kapitolu 01 jinkisbu b'mod sħiħ                                                                           |     |
| Kapitolu 02    | Laħam u ġewwieni komestibbli                                                                                                                                      | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 01 u 02 użati jinkisbu b'mod sħiħ                                             |     |
| Kapitolu 03    | Ħut u krustaċji, molluski u annimali invertebrati oħra li jgħixu fl-ilma                                                                                          | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 03 użati jkunu nkisbu b'mod sħiħ                                              |     |
| ex Kapitolu 04 | Prodotti tal-ħalib; bajd tal-ġhasafar; ġhasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin minn annimali li mhumex imsemmijin jew inklużi band'oħra; ġhajr; ġhajr: | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 04 użati jkunu nkisbu b'mod sħiħ                                              |     |

| Kodiċi SA<br>2022        | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                                                                     | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtuhom status oriġinarju                                                                                                                                                                                                                   |     |
|--------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)                      | (2)                                                                                                                                                                                                                                                          | (3)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               | (4) |
| 0403                     | Jogurt; ix-xorrox tal-butir, il-baqta u l-krema, il-kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew aċidifikati, kemm jekk ikkonċentrati jew biz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud jew imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw u kemm jekk le | Manifattura li fiha:<br>– il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 04 jinkisbu b'mod sħiħ,<br>– il-meraqq kollu tal-frott (għajr dak tal-ananas, tal-lajm jew tal-grejpfrut) tal-intestatura 2009 li jintuża huwa ta' oriġini, u<br>– l-valur tal-materjali kollu tal-Kapitolu 17 li jintużaw ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott |     |
| 0410                     | L-insetti u prodotti oħrajn tajbin għall-ikel u li ġejjin mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra                                                                                                                                       | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 01 u 04 użati jinkisbu b'mod sħiħ                                                                                                                                                                                                                                                               |     |
| ex Kapitolu 05           | Prodotti ġejjin mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor; għajr; għajr:                                                                                                                                                              | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 05 użati jkunu nkisbu b'mod sħiħ                                                                                                                                                                                                                                                                |     |
| ex 0502                  | Lanżit u xagħar tal-ħnieżer, majjali tassimna jew ċingjali                                                                                                                                                                                                   | It-tindif, id-diżinfettar, l-issortjar u l-illixxar ta' lanżit u xagħar                                                                                                                                                                                                                                                                           |     |
| Kapitolu 06 <sup>1</sup> | Sigār ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u faxxina ornamentali                                                                                                                                                                   | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott                                                                                                                                                                                                                                                                       |     |
| Kapitolu 07 <sup>2</sup> | Ħaxix li jista' jittiekel u ċerti għeruq u tuberi                                                                                                                                                                                                            | Manifattura fejn il-prodotti kollha tal-Kapitolu 07 jinkisbu b'mod sħiħ                                                                                                                                                                                                                                                                           |     |

<sup>1</sup> Ara n-Nota Introdutturja 8.

<sup>2</sup> Ara n-Nota Introdutturja 8.

| Kodiċi SA<br>2022              | Deskrizzjoni tal-prodott                                                 | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtuhom status oriġinarju                                                                         |     |
|--------------------------------|--------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)                            | (2)                                                                      | (3)                                                                                                                                                                                                     | (4) |
| Kapitolu 08 <sup>3</sup>       | Frott u karawett li jittiekel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ | Manifattura li fiha:<br>– il-frott u l-ġewż kollha jinkisbu b'mod sħiħ, u<br>– l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 li jintużaw ma jaqbiżx it-30 % tal-valur tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott |     |
| ex<br>Kapitolu 09 <sup>4</sup> | Kafè, te, matè u ħwawar; ġhajr; ġhajr:                                   | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 09 użati jkunu nkisbu b'mod sħiħ                                                                                                                      |     |
| 0902                           | Te, kemm jekk aromatizzat u kemm jekk le                                 | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura                                                                                                                                                    |     |
| ex 0910                        | Taħlitiet ta' ħwawar                                                     | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura                                                                                                                                                    |     |
| Kapitolu 10 <sup>5</sup>       | Ċereali                                                                  | Manifattura fejn il-prodotti kollha tal-Kapitolu 10 jinkisbu b'mod sħiħ                                                                                                                                 |     |

<sup>3</sup> Ara n-Nota Introdutturja 8.

<sup>4</sup> Ara n-Nota Introdutturja 8.

<sup>5</sup> Ara n-Nota Introdutturja 8.

| Kodiċi SA<br>2022              | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                     | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtuhom status oriġinarju                      |     |
|--------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)                            | (2)                                                                                                          | (3)                                                                                                                                                  | (4) |
| ex<br>Kapitolu 11 <sup>6</sup> | Prodotti tal-industrija tat-tħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; għajr; għajr:                      | Manifattura fejn iċ-ċereali kollha, il-ħxejjex, l-għeruq u t-tuberi li jittiekl u tat-titolu 0714 jew il-frott użat jinkisbu b'mod sħiħ              |     |
| 1101                           | Dqiq magħmul mill-qamħ jew mill-meslin                                                                       | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħliet dik tal-prodott                                                                          |     |
| ex 1102 u ex 1103              | Dqiq mill-qamħirrum, xgħir u barli mitħun oħxon (groats) u pasta                                             | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titolu, minbarra dak tal-prodott, fejn tal-inqas 50 % tal-qamħirrum bil-piż tat-titolu 1005 jkun oriġinarju |     |
| ex 1106                        | Dqiqijiet, tħin oħxon u trab tal-ħxejjex leguminużi mnixxf tal-intestatura 0713                              | Tnixxif u tħin ta' ħxejjex leguminużi tat-titolu 0708                                                                                                |     |
| Kapitolu 12 <sup>7</sup>       | Żrieragħ u frott żejtnin; diversi ħabb, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u foraġġ | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 12 użati jkunu nkisbu b'mod sħiħ                                                                   |     |

<sup>6</sup> Ara n-Nota Introdutturja 8.

<sup>7</sup> Ara n-Nota Introdutturja 8.

| Kodiċi SA<br>2022        | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                                                                                             | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtuhom status oriġinarju                                                        |     |
|--------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)                      | (2)                                                                                                                                                                                                                                                                                  | (3)                                                                                                                                                                                    | (4) |
| 1301                     | Gommalakka; gomom naturali, rażi, rażi tal-gomma u oleorazi (eż. il-balzmi)                                                                                                                                                                                                          | Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-intestatura 1301 użati ma għandux jaqbeż il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika                                                |     |
| 1302                     | Meraq u estratti veġetali; sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati; agar-agar u muċilaġni u materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali:<br><br>– Muċilaġni u sustanzi li jgħaqqdu, nmodifikati, li jinkisbu minn prodotti tal-ħxejjex<br><br>– oħrajn | Il-manifattura minn muċilaġni u materjali li jħaxxnu mhux modifikati<br><br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbix il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott |     |
| Kapitolu 14 <sup>8</sup> | Materjali għall-immaljar tal-ħaxix; prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra                                                                                                                                                                                   | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 14 użati jkunu nkisbu b'mod sħiħ                                                                                                     |     |
| ex Kapitolu 15           | Xaħmijiet u żjut tal-annimali, veġetali jew mikrobiċi u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet li jittiekl preparati; xema' mill-annimali jew veġetali; għajr; għajr:                                                                                                                 | Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe titolu, minbarra dak tal-prodott li fih il-materjali veġetali kollha użati tat-titoli 1511 u 1513 jinkisbu b'mod sħiħ                          |     |

<sup>8</sup> Ara n-Nota Introdutturja 8.

| Kodiċi SA<br>2022 | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                            | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali<br>mhux oriġinarji fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtuhom status oriġinarju                                                                                                                                                                  |     |
|-------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)               | (2)                                                                                                                                                                                                                 | (3)                                                                                                                                                                                                                                                                                                    | (4) |
| 1501              | <p>Grass tal-majjal (inkluż ix-xaħam) u grass tal-pollam, għajr dak tat-titolu 0209 jew 1503:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– Xaħmijiet mill-għadam jew l-iskart</li> <li>– oħrajn</li> </ul>          | <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titolu, ħlief dawk tat-titoli 0203, 0206 jew 0207 jew l-għadam tat-titolu 0506</p> <p>Manifattura mill-laħam jew mill-ġewwieni li jittiekel tal-majjali tat-titoli 0203 jew 0206 jew tal-laħam jew il-ġewwieni li jittiekel tal-pollam tat-titolu 0207</p> |     |
| 1502              | <p>Xaħmijiet tal-annimali bovini, tan-nagħaġ u tal-mogħoż, għajr dawk tal-intestatura 1503:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– Xaħmijiet mill-għadam jew l-iskart</li> <li>– oħrajn</li> </ul>            | <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titolu, ħlief dawk tat-titolu 0201 , 0202 , 0204 jew 0206 jew l-għadam tat-titolu 0506</p> <p>Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 02 użati jkunu nkisbu b'mod sħiħ</p>                                                                       |     |
| 1504              | <p>Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew ta' mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, imma mhux modifikati kimikament:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– Frazzjonijiet solidi</li> </ul> | <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titolu, inklużi materjali oħrajn tat-titolu 1504</p>                                                                                                                                                                                                       |     |

| Kodiċi SA<br>2022 | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                             | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali<br>mhux oriġinarji fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtuhom status oriġinarju                                                                                 |     |
|-------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)               | (2)                                                                                                                                                                  | (3)                                                                                                                                                                                                                   | (4) |
|                   | – oħrajn                                                                                                                                                             | Manifattura fejn il-<br>materjali kollha tal-<br>Kapitoli 02 u 03 użati<br>jinkisbu b'mod sħiħ                                                                                                                        |     |
| ex 1505           | Lanolina raffinata                                                                                                                                                   | Manifattura minn<br>xaħam tas-suf mhux<br>raffinat tat-titolu 1505                                                                                                                                                    |     |
| 1506              | Xaħam u żjut oħrajn ta'<br>annimali u l-frazzjonijiet<br>tagħhom, raffinati jew<br>le, iżda mhux modifikati<br>kimikament:<br>– Frazzjonijiet solidi<br><br>– oħrajn | Manifattura minn<br>materjali ta' kwalunkwe<br>intestatura, inklużi<br>materjali oħrajn tal-<br>intestatura 1506<br><br>Manifattura fejn il-<br>materjali kollha tal-<br>Kapitoli 02 użati jkunu<br>nkisbu b'mod sħiħ |     |
| 1507 sa 1510      | – Żejt tas-sojja, żejt tal-<br>karawett u żjut għal<br>użi tekniċi jew<br>industrijali għajr<br>għall-manifattura ta'<br>oġġetti tal-ikel għal<br>konsum uman        | Manifattura minn<br>materjali ta' kwalunkwe<br>intestatura, ħlief dik<br>tal-prodott                                                                                                                                  |     |

| Kodiċi SA<br>2022 | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                   | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtuhom status oriġinarju                                                                                                |     |
|-------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)               | (2)                                                                                                                                                                                                        | (3)                                                                                                                                                                                                                            | (4) |
|                   | <ul style="list-style-type: none"> <li>– Frazzjonijiet solidi</li> <li>– oħrajn</li> </ul>                                                                                                                 | <p>Manifattura minn materjali oħrajn tat-titoli 1507 sa 1510</p> <p>Manifattura li fiha l-materjali veġetali kollha użati jinkisbu kompletament</p>                                                                            |     |
| 1511              | Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament                                                                                                                    | Manifattura li fiha l-materjali veġetali kollha użati jinkisbu kompletament                                                                                                                                                    |     |
| 1512              | <ul style="list-style-type: none"> <li>– Żjut għal użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman</li> <li>– Frazzjonijiet solidi</li> <li>– oħrajn</li> </ul> | <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott</p> <p>Manifattura minn materjali oħrajn tat-titolu 1512</p> <p>Manifattura li fiha l-materjali veġetali kollha użati jinkisbu kompletament</p> |     |
| 1513              | Żejt tal-ġewż tal-Indi (kopra), tal-qalba tal-ġewż tal-palm jew żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikat kimikament                                                   | Manifattura li fiha l-materjali veġetali kollha użati jinkisbu kompletament                                                                                                                                                    |     |
| 1514 sa 1515      | – Żejt tat-tung u tal-ojtiċika, xaħam tarrihan u tal-Ġappun, frazzjonijiet taż-żejt tal-ġoġoba u żjut għal użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman      | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott                                                                                                                                                    |     |

| Kodiċi SA<br>2022 | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                                                                                                                 | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtuhom status oriġinarju                                                                                                                                                                  |     |
|-------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)               | (2)                                                                                                                                                                                                                                                                                                      | (3)                                                                                                                                                                                                                                                                                              | (4) |
|                   | <ul style="list-style-type: none"> <li>– Frazzjonijiet solidi, għajr għal dik taż-żejt tal-ġoġoba</li> <li>– Oħrajn</li> </ul>                                                                                                                                                                           | <p>Manifattura minn materjali oħrajn tat-titoli 1514 sa 1515</p> <p>Manifattura li fiha l-materjali veġetali kollha użati jinkisbu kompletament</p>                                                                                                                                              |     |
| 1516              | Ix-xaħmijiet u ż-żjut tal-annimali, veġetali jew mikrobiċi u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, esterifikati bejniethom, riesterifikati jew elajdinizzati, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux ippreparati mod ieħor                                            | <p>Manifattura li fiha:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– il-materjali kollha tal-Kapitolu 02 użati jinkisbu b'mod sħiħ, u</li> <li>– il-materjali veġetali użati għandhom ikunu miksuba interament. Madankollu, il-materjali tat-titoli 1507 u 1508 jistgħu jintużaw</li> </ul>      |     |
| 1517              | Il-marġerina; it-taħlitiet jew il-preparati tajbin għall-ikel tax-xaħmijiet jew taż-żjut tal-annimali, veġetali jew mikrobiċi jew tal-frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-Kapitolu, għajr ix-xaħmijiet u ż-żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura 1516 | <p>Manifattura li fiha:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 02 u 04 jinkisbu b'mod sħiħ, u</li> <li>– il-materjali veġetali użati għandhom ikunu miksuba interament. Madankollu, il-materjali tat-titoli 1507 u 1508 jistgħu jintużaw</li> </ul> |     |

| Kodiċi SA<br>2022        | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                                                                                                                         | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtuhom status oriġinarju |     |
|--------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)                      | (2)                                                                                                                                                                                                                                                                                                              | (3)                                                                                                                             | (4) |
| Kapitolu 16 <sup>9</sup> | Preparati ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, jew ta' insetti                                                                                                                                                                                                      | Manifattura:<br>– minn annimali tal-Kapitolu 01, u/jew<br>– fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 03 jinkisbu b'mod sħiħ  |     |
| 1701                     | Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sukrows kimikament pur, f'forma solida                                                                                                                                                                                                                                   | Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 17 jinkisbu b'mod sħiħ                                                  |     |
| 1702                     | Zokkrijiet oħrajn, inkluż lattsju kimikament pur, maltożju, glukożju u fruttożju, f'forma solida; il-ġuleppijiet taz-zokkor mingħajr aromatizzanti jew koloranti miżjuda; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat ma' għasel naturali kif ukoll jekk le; karamella:<br><br>– Maltożju u fruttożju kimikament puri | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħrajn tal-intestatura 1702                             |     |

<sup>9</sup> Ara n-Nota 1 fl-Appendiċi 2A għat-titolu ex 1604.

| Kodiċi SA<br>2022 | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                             | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtuhom status oriġinarju                                                                                                                                                                                                       |     |
|-------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)               | (2)                                                                                                                                                  | (3)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   | (4) |
|                   | <ul style="list-style-type: none"> <li>– Zokkor ieħor f'forma solida, bil-ħwawar jew materjal li jagħti l-kulur miżġuda</li> <li>– oħrajn</li> </ul> | <p>Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 17 jinkisbu b'mod sħiħ</p> <p>Manifattura fejn il-materjali kollha użati huma oriġinarji</p>                                                                                                                                                                               |     |
| 1703              | Melassa miksuba waqt l-estrazzjoni jew ir-raffinar taz-zokkor                                                                                        | Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 17 jinkisbu b'mod sħiħ                                                                                                                                                                                                                                                        |     |
| 1704              | Prodotti tal-ħelu (inkluża ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw                                                                                         | <p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħliet dik tal-prodott, u</li> <li>– fejn il-valur tal-materjali kollha użati tal-Kapitolu 17 barra mill-materjali tas-sottititolu 1702 30, ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika Estratt tax-xgħir</li> </ul> |     |

| Kodiċi SA<br>2022 | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali mhux oriġinarji fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtuhom status oriġinarju                                                                                                                                                                                                     |     |
|-------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| (1)               | (2)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         | (3)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 | (4) |
| Kapitolu 18       | Kawkaw u preparati tal-kawkaw                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               | <p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, u</li> <li>– fejn il-valur tal-materjali kollha użati tal-Kapitolu 17 barra mill-materjali tas-sottitolu 1702 30, ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika Estratt tax-xgħir</li> </ul> |     |
| 1901              | <p>Estratt tal-malt; preparati tal-ikel tad-dqiq, tal-ħbub imfesdqin, tal-grixa, tal-lamtu jew tal-estratt tal-malt, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 40 % skont il-piż ta' kawkaw ikkalkulat fuq bażi bix-xaħam imneħħi totalment, li mhumie x speċifikati jew inklużi banda oħra; tħejjijiet tal-ikel minn prodotti fl-intestaturi 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 5 skont il-piż f'kawkaw ikkalkulat fuq bażi kompletament mingħajr xaħam, li m'humie x speċifikati jew inklużi band'oħra:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– Estratt tal-malt</li> </ul> | <ul style="list-style-type: none"> <li>– Manifattura minn ċereali tal-Kapitolu 10</li> </ul>                                                                                                                                                                                                                                        |     |

